**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Dicembru, 2020**

Numru 14

**Rikors Guramentat Nru. 619/2019**

**Ryan Muscat u martu Charlene Muscat**

**vs**

**Mario Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tal-21 ta' Gunju, 2019 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-oggett tal-kawza
1. In forza ta' skrittura privata datata hmistax 15 ta' Gunju 2018, l-intimat, li jezercita s-sengha ta' mastrudaxxa obbliga ruhu favur ir-rikorrenti li jahdem, ilesti u jinstalla xoghlijiet ta' injam konsistenti f'aperturi u opri ohra, gewwa l-proprjeta immobiljari tar-rikorrenti, sal-15 ta' Settembru 2018 (Dok. 'RM1').

2. Dawn ix-xoghlijiet kienu fdati mir-rikorrenti lill-intimat, u bdew jinhadmu minnu fl-ewwel nofs tas-sena 2017.

3. Ix-xoghlijiet mifthema kienu jikkonsistu f'sebgha u ghoxrin (27) apertura tal-injam tat-tip iroko, u cioe bibien u twieqi li jinkludu wkoll il-purtelli, tarag ta' zewg sulari b'bazi tal-hadid, miksi bl-iroko minn fuq u minn isfel u komplut bl-iskirting, sett ghamara tal-kamra tas-sodda inkluza walk-in wardrobe mahduma minn materjal tal-American walnut, u bridge tal-injam. Dawn ix-xoghlijiet kollha kellhom jigu stallati fir-residenza tar-rikorrenti, ossia fl-indirizz numru 3, Sqaq il-Gilju, fi Triq Santa Marija, Hal-Ghaxaq, gia numru 141, Triq Santa Marija, Hal-Ghaxaq, sal-15 ta' Settembru 2018.

4. L-intimat accetta li jahdem dawn ix-xoghlijiet ghas-somma ta' tlieta u tletin elf ewro (EUR33,000), li minnhom ir-rikorrenti hallsu s-somma ta' hamsa w ghoxrin elf ewro (EUR25,000) bhala kapparra, hekk kif inhu indikat fl-iskrittura privata surriferita.

5. Dejjem fit-termini tal-ftehim, l-intimat obbliga ruhu li jirrifondi lir-rikorrenti l-flus kollha li thallsu minnhom u li jzarma x-xoghlijiet mill-proprjeta tar-rikorrenti sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2018 f'kaz li huwa jonqos milli jlesti u jinstalla x-xoghlijiet pattwiti sal-jum hekk maqbul.

6. L-intimat naqas milli jottempra ruhu fiz-zmien pattwit mal-obbligi minnu assunti fuq l-iskrittura tal-15 ta' Gunju 2018. L-intimat stess ammetta mar-rikorrenti li huwa naqas milli jottempora ruhu ma' dak li huwa kien intrabat li jaghmel (Dok. 'RM2').

7. Aktar minn hekk, ix-xoghol li l-intimat lahaq forna mhux mahdum u/jew installat skont is-sengha u l-arti, b'rizultat li tali xoghol mhuwa ta' ebda utilita ghar-rikorrenti u sahansitra qed jikkawza periklu ghar-rikorrenti stess, u dan hekk kif inhu iccertifikat fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Mario Cassar (Dok. 'RM3').

8. Minhabba dawn id-difetti serji fix-xoghlijiet kuntrattati, ir-rikorrenti qed igarrbu, u jistghu jkomplu jgarrbu danni fil-proprjeta' taghhom, u dan hekk kif iccertifika l-istess Perit Tekniku fir-rapport peritali tieghu.

9. Apparti s-somma ta' hamsa w ghoxrin elf ewro (EUR25,000) li kienet thallset bhala kapparra, l-intimat thallas ukoll l-ammonti ta' hames mitt ewro (EUR500) ghax-xoghol tal-bridge tal-injam (Dok. 'RM4'), u tlett mitt Euro (EUR 300) ghax-xoghol tal-welding talhadid tal-puggaman (Dok. 'RM5'), li bhax-xoghol l-iehor ma gewx mahduma skont is-sengha u l-arti.

10. L-intimat inoltre rtieva minghand ir-rikorrenti l-ammonti ta' mitejn u hames ewro (EUR205) (Dok. 'RM6') u ta' mija u hamsa u ghoxrin ewro (EUR125) (Dok. 'RM7') bhala hlasijiet ghal serratura, sealer u expanding foam rispettivament.

11. Ir-rikorrenti nefqu inoltre s-somma ta' mitejn u disgha u disghin ewro (EUR299) (Dok. 'RM8') f'xiri ta' hadid ghall-puggaman tat-tarag, liema tarag irrizulta li huwa difettuz, ghaldaqstant dan il-puggaman sar inutilment. Il-puggaman inkluda wkoll l-ispiza ta’ zebgha li ammontat ghal sitt mija u sitta u disghin ewro u ghoxrin centezmu (EUR696.20) (Dok. ‘RM9'). Ma' dawn, ir-rikorrenti hallsu wkoll is-somma ta' mija, erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (EUR124.95) (Dok. 'RM10') bhala spejjez ghall-pumi tal-bieb ta' barra.

12. B'konsegwenza tax-xoghol hazin li sar mill-intimat, ir-rikorrenti ser ikollhom jizburzaw l-ammont ta' madwar elf u hames mitt ewro (EUR1,500) ghall-bdil tal-weather boards ta' madwar it-tarag. Maghdud ma' dan hemm ukoll danni ohra li f'dan l-istadju ghadhom mhumiex, u ma jistghux, jigu kkwantifikati u likwidati.

13. Ix-xoghol kollu li l-intimat lahaq forna la jissodisfa u lanqas jista' jissodisfa l-livell ta' kwalita bazika, u ghalhekk irid jinhadem mill-gdid, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.

14. Nonostante diversi interpellanzi, fosthom anke permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Frar tas-sena kurrenti (Dok. 'RM11'), sabiex jottempra ruhu mat-termini tal-iskrittura surriferita, 1-intimat baqa' inadempjenti.

15. Ir-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

Raguni tat-talba
1. Ghaldaqstant kellhom jigu istitwiti dawn il-proceduri.

Talbiet
Jghid ghalhekk l-intimat, 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat kiser il-kundizzjonijiet pattwiti fl-iskrittura privata datata 15 ta' Gunju 2018;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat naqas milli jezegwixxi x-xoghlijiet lilu kkuntrattati fit-terminu pattwit fl-istess ftehim;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li fil-kors tal-esekuzzjoni tal-ftehim hawn fuq imsemmi, l-intimat ghamel xoghlijiet hziena u mhux skont l-arti u s-sengha, u ghalhekk dawn ix-xoghlijiet huma mghobbija b'difetti li jirrenduhom inutilizzabbli;

4. Tordna li l-intimat jirrifondi lir-rikorrenti l-hlasijiet kollha lilu mwettqa in omagg tal-iskrittura privata datata 15 ta' Gunju 2018, flimkien ma' dawk l-ispejjez kollha inkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni max-xoghlijiet kuntrattati skont l-iskrittura privata tal-15 ta' Gunju 2018;

5. Tawtorizza, occorrendo, lir-rikorrenti, a spejjez tal-intimat, jirritornaw l-istess xoghlijiet lill-intimat, jew jiddepozitaw l-istess a spejjez tal-intimat, jew altrimenti jiddisponu minnhom;

6. Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew danni kawza tax-xoghlijiet imwettqa mill-intimat u konsegwentement tiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghal dawn id-danni;

7. Tillikwida, jekk thoss il-htiega permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjez kollha sofferti mir-rikorrenti ghar-ragunijiet fuq spjegati;

8. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati skont it-talba precedenti;

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra gudizzjarja datata 13 ta' Frar 2019, u bl-imghax, kontra l-intimat, illi jinsab minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut hu fi stat ta’ kontumacja;

Rat l-atti, ir-rapporti peritali u n-noti ta’ sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Kontumacja**

Jigi rrilevat li ghalkemm il-konvenut huwa kontumaci, dan ma jfissirx li din hi xi forma ta' ammissjoni. Illi l-istitut tal-kontumacja ma jfissirx abbandun tal-kontestazzjoni. Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni tal-abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hix gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut (**Giuseppe Wismayer vs Giovanni Magro,** 24/11/1934, Kollez. Vol. XXIX, P III, pg 35). Ladarba l-kontumacja ma tfissirx ammissjoni imma tfisser kontestazzjoni, l-attur xorta ghandu jipprova t-talbiet tieghu u l-premessi ghalihom (**Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine**, App 27/03/ 1996).

**Konstatazzjonijiet tal-Periti**

Il-Qorti kienet innominat lill-Perit Elena Borg Costanzi (ara fol. 56) biex taghmel access fuq il-post u taghmel deskrizzjoni ta' dak kollu allegatament difettuz jew nieqes bil-kostatazzjonijiet ta' fatt.

Il-Perit kienet ipprezentat ir-rapport taghha a fol. 57 et seq fejn tat:

**Deskrizzjoni ta' kull apertura mill-pjan terran sat tieni livell**

Bieb principali – ara ritratti 1-3; 5-12 u 16

Aperturi fil-pjan terran

Bieb mill-entrata ghal gol-bitha - ritratti 13-15-27, 28

Bieb li jaghti mis-salott ghall-bitha - ritratti 18-26; 34-36

Bieb singlu – ritratti 17.39, 85-87

Tieqa zghira tal-kamra tal-banku – ritratti 40, 81-84

Tieqa doppja fil-hajt ta-tromba tat-tarag - ritratt 80

Bieb doppju – ritratti 41, 42, 47, 48

Tieqa doppja mdahhla 'l gewwa go hajt triplu - ritratti 73, 74

Bieb singlu - ritratti 70-72

Bieb singlu abjad mill-kurutur ghall-bitha ta' wara - ritratti 61-65

Tieqa doppja li taghti ghall-bitha mill-kcina -ritratti 54, 57, 58, 59, 60
Bieb singlu ghal-bitha - ritratti 55-56, 66-68
Tieqa zghira fil-gholi illi hija servitu fuq proprjeta – ritratt 46
Tieqa fis-salott illi hija servitu fuq proprjeta ta’ terzi - ritratt 44
Tieqa fis-salott hdejn l-entratura illi hija servitu fuq proprjeta ta’ terzi – ritratti 37-38

**Aperturi fl-ewwel sular**
Tieqa fit-tromba tat-tarag - ritratti 49-52; 102
Tieqa fil-kamra tas-sodda principali - ritratti 94-101
Bieb singlu ghat-terrazzin- ritratti 69-72, 88-93, 123
Tieqa fil-kamra tal-banju ensuite- ritratti 120-121, 122, 126-127
Tieqa fl-ispare bed-room -ritratti 124-125, 128, 129
Bieb fl-spare bedroom -ritratt 134
Bieb fl-spare bedroom ghat-terrazzin- ritratti 134-140, 176
Bieb fil-kamra tal-banju -ritratti 100-101

**Aperturi fit-tieni sular**
Bieb fit-tieni sular ghat-terrazzin -ritratti 155-156
Tieqa fil-washroom -ritratti 151-152
Tieqa fil-washroom --ritratti 153-154, 162
Bieb iehor ghat-terrazzin- ritratti 161-163,173

**Walk in wardrobe -** ritratti 178-179

**Tarag tal-iroko-** ritratti 33, 103-109, 149-150

Il-Perit ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:
-Illi hemm diversi aperturi li jezebixxu injam illi simen.
-Illi hemm diversi aperturi illi huma izghar mill-fethiet eziztenti gol-binja, sew mill-wisgha u sew mit-tul.
-Illi hemm diversi aperturi illi huma maghmmra bi bsaten imwahhlin fuq tali bibien u twieqi bil-kolla, tant hu hekk illi kien hemm bosta illi waqghu u kwazi kollha illi mhumiex imwahhlin dritti.

-Illi kwazi kollha jesebixxu xi muviment illi huwa rifless fi qsim, jew injam li tbewwaq

-Illi hemm hafna aperturi li huma nieqsa minn xi pum, firroll jew simili kif ukoll *sealant* u hafna illi huma mwahhlin mhux skond is-sengha bhal per ezempju kif gew installati diveri cappetti.

Fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti (ara fol. 125) il-Perit ikkonfermat li l-hsarat ma jistghux jittrangaw. L-aperturi, bibien u twieqi jridu jinqalghu mentri t-tarag jista' jigi salvat.

Il-Qorti kienet innominat mill-gdid l-istess Perit Elena Borg Costanzi u lil Dr Mark Simiana (ara fol. 124) biex jisimghu l-provi u jirredigu rapport.

Il-Perit Borg Costanzi pprezentat ir-rapport taghha a fol. 135 et seq u wara li ghamlet il-kostazzjonijiet taghha waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

-Illi l-esponenti tikkonstata illi parti mix-xogholijiet pattwiti kienu ghadhom ma sarux waqt l-access taghha u dawk li fil-verita' saru u gew spezzjonati mill-esponenti waqt l-access taghha saru b'mod illi jmur kontra is-sengha u l-arti u fil-verita' mhumiex funzjonabbli u servibbli.

-Illi l-esponenti, wara li hadet konjizzjoni tar-rapport tal-perit Dimech u x-xhieda ta' Charlene Muscat, waqt li taqbel illi x-xoghol tal-framework tat-tarag ma sarx skond is-sengha u l-arti, u sabiex titranga ghandu jitnehha u jigi irrangat, ma taqbilx illi handrail ma jistax isir. Ghaldaqstant mhuwiex minnu illi t-tarag mhuwiex sigur ghaliex ma jistghux isiru railings minhabba in-natura tax-xoghol in situ, izda mhuwiex sigur bhalissa ghaliex ma hemmx railings installati minhabba din il-kwistjoni illi tezisti bejn il-partijiet.

-Illi, kif gie spejgat fl-affidavit ta' Ryan Muscat il-konvenut naqas milli jezegwixxi x-xoghlijiet lilu kkuntrattati fit-terminu pattwit fl-istess ftehim.

-Illi ghar-rigward tal-istimi pprezentati minn Charlene Muscat, l-esponenti taqbel illi l-ammont ta' €1,539.00 ghat-tnehhija tal-aperturi u ghal-kisi tal-perimetri u l-ammont ta' €1,062.00 ghall-izzarmar tat-tarag huwa ragonevoli u neccessarju u kagun tan-nuqqasijiet fix-xoghol tar-rikorrenti.

-Illi ghar-rigward tal-ammont ta' €2,100.02 sabiex isiru cement boards u l-kisi taghhom taht it-tarag u ma' genb il-hajt l-esponenti hi tal-fehma illi ma kellhomx isiru

cement boards peress illi kien car illi x-xoghol tat-tarag ma kienx ghadu tlesta u ghalqadstant kien ikun ghaqli illi l-ewwel jitlesta ix-xoghol tat-tarag u wara jitfasslu s-cement boards u jitwahhlu.

Il-Perit Legali Dr Mark Simiana pprezenta r-rapport tieghu a fol. 143 fejn wara li ta riassunt tal-fatti kif akkwiziti mill-atti processwali u mis-seduti peritali; ha konjizzjoni tal-osservazzjonijiet u konkluzzjonijiet tal-Perit Tekniku, u wara li ghamel il-konsiderazzjonijiet legali tieghu, wasal ghall-konkuzzjoni li l-ewwel tlett talbiet ghandhom jigu milqugha; ir-raba talba ghandha tigi milqugha ghas-somma ta' €25,000; il-hames u sitt talba ghandhom jigu akkolti; is-seba' talba ghandha tigi milqugha u d-danni likwidati ghall-ammont ta' €2,655 li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas dawn l-ammonti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi bhala fatti relevanti illi johorgu minn din il-kawza l-Qorti, a skanz ta' ripetizzjoni inutili, taghmel referenza ghal "**Fatti emergenti mill-provi"** fir-relazzjoni tal-perit Legali a fol. 148 para 3:1-3:17. Importanti l-affidavit tal-attur a fol. 183 tal-process.

L-iskrittura privata, datata 15 ta' Gunju 2018 bejn il-partijiet Dok. RM1 a fol. 7, hija l-bazi tal-azzjoni tal-atturi. Il-konvenut kellu jinstalla x-xogholijiet afdati lilu mill-atturi fl-ewwel nofs tas-sena 2017, liema xoghlijiet kellhom jitlestew matul is-sena 2017. Saret imbaghad l-iskrittura imsemmija fejn telenka dawk ix-xoghlijiet li l-konvenut kien fadallu jaghmel, il-prezz ta' dawk ix-xoghlijiet, kemm kien thallas sa dakinhar kif ukoll kif kellu jithallas il-bilanc. Il-kontendenti ftehemu li x-xoghol kellu jitlesta mhux aktar tard mil-15 ta' Settembru 2018 u l-konsegwenza jekk il-konvenut jonqos mill-obbligazzjonijiet tieghu.

Fir-rigward ta' dina l-iskrittura ma ngabet ebda prova da parti tal-konvenut biex jissostanzja dak li jallega fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2020 a fol. 173 tal-process fis-sens li hu hass li kien imgieghel jiffirma l-iskrittura a fol. 7.

Il-Perit tekniku fir-rapport taghha sabet li x-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti u mhux funzjonabbili u servibbli. Dwar l-istruttura tat-tarag sabet li dina

tista' titnehha u tittranga u tista' ssir sigura bl-istallazzjoni ta' puggaman.

Illi l-fehmiet tal-Perit tekniku dwar l-aperturi jaqblu ma' dawk tal-Perit ex parte Mario Cassar (ara rapport a fol. 10) fejn iddikjara li l-xoghlijiet ma sarux skont is-sengha u l-arti u zgur li ma sarux minn bniedem tas-sengha (ara fol. 16).

Il-Qorti tosserva li bhal kull prova ohra, rapport ta' perit tekniku hu kontrollabbli mill-gudikant u Qorti m'ghandha l-ebda obbligu li taddotta l-fehma espressa mill-perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha. Hu maghruf ukoll pero li fi kwistjonijiet ta' natura teknika Qorti ma ghandix facilment tiskarta l-opinjoni espressa minnu. F'cirkostanzi simili sabiex tiskarta tali fehema, *"Il-konvizjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika"* (**C. Giswarda Bugeja vs Emanuele Muscat**, (1967) Vol.LI.I. 390). Il-gudizzju espress mill-perit tekniku ma ghandux jigi skartat, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali.

Illi jirrizulta mill-provi li l-konvenut naqas kompletament milli jwettaq l-obbligi tieghu ghax ma wettaqx ix-xogholijiet fiz-zmien pattwit u ghax ix-xoghol li lahaq ghamel ma sarx skond is-sengha u l-arti u ma kienx ta' siwi ghall-atturi. L-obbligu tal-appaltatur li jezegwixxi x-xoghol hu li jara li x-xoghol isir utilment u mhux li jkun fih id-difetti **(Vol XXVII.pI.p373)** fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**). Jekk ix-xoghol imwettaq mill-appaltatur ma jsirx skond is-sengha u l-arti il-kuntratt ma jigix mahlul, salv fejn id-difetti in kwistjoni jkunu sostanzjali.

Fil-kaz in ezami x-xoghol gie certifikat bhala mhumiex funzjonabbli u servisibbli.

Fir-rikors promutur taghhom l-atturi talbu li jigi dikjarat li l-konvenut kiser il-kundizzjonijiet pattwiti fl-iskrittura privata datata 15 ta' Gunju 2018 u ghalhekk jigi kkundannat jirrifondi lill-atturi l-hlasijiet kollha li saru lilu flimkien ma' dawk l-ispejjez kollha nkorsi. L-atturi qed jinsistu fuq dina l-kondizzjoni risoluttiva espressa ai termini tal-artikoli 1066 u 1069 tal-Kap. 16.

Meta ssehh kondizzjoni risoluttiva espressa, din tholl l-obbligazzjoni, u terga' tqieghed il-hwejjeg fl-istess stat bhal kieku l-obbligazzjoni ma kienet giet qatt maghmula [Art. 1066(1)]. Din il-kondizzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni, izda, jekk il-grajja mahsuba fil-kondizzjoni tigri, il-kreditur ikun obbligat irodd dak li jkun ircieva [Art. 1066(2)]. Jekk il-kondizzjoni rizoluttiva hija espressa fil-kuntratt, dan il-kuntratt, meta l-kondizzjoni ssehh, jinhall ipso jure, u l-qorti ma tista' taghti ebda zmien lill-konvenut (Art. 1067). Meta l-kondizzjoni rizoluttiva, sew dik espressa kif ukoll dik tacita, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista' taghzel, jekk il-kondizzjoni ssehh, jew li titlob il-hall tal-kuntratt, jew li ggieghel lill-parti l-ohra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli [Art. 1069(1)].

F'dan il-kaz l-atturi qed jitolbu r-rifuzjoni tal-ammont ta' €26,130 li huma thallsu lill-konvenut u €5,874.20 bhala danni subiti minnhom minhabba inadempjenza tieghu.

L-atturi talbu r-rifuzjoni tal-ammonti mhallsa lill-konvenut konsistenti fis-segwenti:
€25,000 bhala kapparra fuq il-ftehim datat 15/06/2018;
€500 Dok. RM4 fol. a 38 fol. datat 8/08/2018;
€300 Dok. RM5 a fol. 39 datat 12/10/2018
€205 Dok. RM6 a fol. 40 datat 12/12/2017
€125 Dok. RM7 a fol. 41 datat 06/01/2018

Fir-rigward ta' dawn it-talbiet jirrizulta li skont l-iskrittura privata l-kappara kienet ta' €25,000 liema somma ghalhekk trid tigi rifuza. Il-pagamenti fuq Dok. RM4 u RM5 ghandhom ukoll jigu rifuzi billi saru wara l-iskrittura imsemmija. Fil-kaz tad-Dok. RM6 u Dok. RM7 dawn mhumiex dovuti billi saru qabel l-iskrittura imsemmija u ghalhekk dawn il-hlasijiet li pprecedew l-iskrittura huma prezunti li huma inkorporati fl-ammont ta' €25,000.

Ghalhekk bhala danni taht dana l-kap is-somma dovuta hija ta' €25,800

**Danni**

L-atturi qed jireklamaw ukoll l-ammonti ta':
€1,593 Dok. CM1 fol. 218

€1,062 Dok. CM2 fol. 220

L-ammont ta' €1,593 Dok. CM1 a fol. 218 huwa ghal spejjez biex jinqalghu l-aperturi u jsir il-kisi madwarhom u l-ammont ta' €1,062 Dok. CM2 a fol. 220 huwa sabiex jinqala' t-tarag. Il-Periti nominati sabu li dawn l-ammont huma gustifikati. Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni tal-Periti.

L-atturi qed jitolbu l-ammont ta' €2,100 Dok. CM3 a fol. 221 ghal weather boards.

L-atturi jikkontendu li huma ghandhom jithallsu ghall-ispejjez li nefqu fuq ic-cement boards. Huma jghidu li meta ordnaw dan ix-xoghol ma kienx ghaddilhom minn mohhom li t-tarag ma setax jitranga u li kellu jinqala` minn postu. Huma jsostnu li l-weather boards kellhom isiru qabel jinghalaq it-tarag u li kellhom jinhadmu skont l-istruttura tal-istess tarag.

Il-Perit tekniku nominat mill-Qorti kienet xehdet li, fl-opinjoni taghha, dwar it-tarag ma kinitx kwistjoni li jrid jinqala` kollox izda jista' jitranga (ara fol. 126). Hi kienet tal-fehma li ma kellhomx isiru c-cement boards peress illi kien car li x-xoghol tat-tarag ma kienx ghadu tlesta u ghalhekk kien ikun ghaqli li l-ewwel jitlesta x-xoghol tat-tarag u wara jitfasslu c-cement boards u jitwahhlu (ara fol. 141). Skont il-Perit, ic-cement boards mhux necessarjament kellhom isiru qabel jinghalaq it-tarag imma setghu jitfasslu wara. Ghalhekk it-talba ghal dina is-somma mhijiex gustifikata.

L-atturi rreklamaw ukoll l-ammonti ta':
€696.20 - Dok. RM9 a fol. 45 zebgha ghall-poggaman
€299 Dok. RM8 a fol. 42-44 xiri ta' hadid ghall puggaman
€124 Dok. RM10 a fol. 46 spejjez ghal pumi ta' barra
Dwar it-talba ghal dawn l-ammonti l-periti gudizzjarji ma jsemmu xejn

Fil-fehma tal-Qorti dawn l-ammonti jissemmew fir-rikors promutur u gew ezibiti mar-rikors biss u ma ngabet ebda prova dwar dawn il-pagamenti fix-xhieda tal-atturi u bl-ebda mod ma gew ikkonfermati. Saret referenza ghalihom fin-nota ta'

sottomissjonijiet tal-atturi bhala ricevuti li gew ezibiti imma ma hemm ebda referenza ghal xi prova li saret dwarhom. Ghalhekk din it-talba mhix tintlaqa'

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici;

Tilqa' r-raba' talba u tordna lill-konvenut jirrifondi lill-atturi s-somma ta' €25,800;

Tipprefiggi terminu ta' xahar zmien improrogabbli sabiex l-konvenut jigbor lura x-xoghlijiet konsenjati lill-atturi, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi, a spejjez tal-konvenut, biex jiddisponu mill-istess xoghlijiet, u dana taht is-sorveljanza tal-Perit Elena Borg Costanzi li qed tigi nominata ghal dana l-iskop;

Tilqa' s-sitt talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta' €2,655; u tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut u bl-imghax fuq is-somma ta' €25,800 mill-1 ta' April 2019 data tan-notifika tal-ittra ufficjali u imghax fuq l-€2,655 mid-data tas-sentenza.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur